MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 59/2007/1

**Salvu Mintoff & Sons Ltd.**

**v.**

**Awtorita` Maltija tal-Ippjanar u Ambjent,**
**u b'digriet tat-18 ta' Jannar 2008 l-isem tal-Awtorita` intimata gie korrett ghal "L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar."**

Il-Qorti,

Dan huwa appell interpost mis-socjeta` rikorrenti, minn sentenza moghtija fl-24 ta' Frar 2012 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha li in forza

taghha ddisponiet mir-rikors tas-socjeta` appellanti billi cahdet it-talbiet taghha bl-ispejjez; kif ukoll appell minn digriet moghti mill-istess Qorti matul il-proceduri fit-18 ta' Jannar 2008 li permezz tieghu dik il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti ghall-kjamata fil-kawza tal-Avukat Generali.

Permezz tar-rikors odjern is-socjeta` appellanti qed titlob li din il-Qorti "thassar u tirrevoka l-precitat digriet tat-18 ta' Jannar 2008, tordna in kjamata in kawza tal-Avukat Generali moghtija fl-ismijiet premessi fl-24 ta' Frar 2012 u tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet maghmula minnha fir-rikors minnha pprezentat fis-16 ta' Novembru 2007, wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata appellata, bl-ispejjez kontra taghhom".

Illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha f'dik is-sentenza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi f'din il-kawza, is-socjeta' rikorrenti qed tilmenta mill-fatt li hi giet imwaqqfa milli tkompli topera barriera fil-Qala, Ghawdex, sa dawk il-limiti li kienet topera qabel skont pjanta li nghatat lilha minn ufficjal tal-Awtorita` intimata. Li gara kien li, qabel ma l-ahwa Gatt xtraw l-ishma fil-kumpanija rikorrenti, li gia' kienet topera l-barriera fil-Qala, huma marru fl-ufficcju tal-Awtorita` intimata biex jivverifikaw sa fejn setghu jqattghu blat. Xi hadd mill-Awtorita` ghadda pjanta lill-ahwa Gatt li kienet tindika l-estensjoni tal-barriera, u s-socjeta' rikorrenti, issa mmexxija minn operatur gdid, kompliet taqtal-blat a bazi ta' din il-pjanta. Meta kienet se ssir spluzzjoni ghall-qtugh tal-blat, kienu jigu avzati l-Pulizija u l-Mineral Resources Board, fi hdan l-Awtorita` tal-Ippjanar, li kienet tibghat lil xi ufficjal biex jassigura li l-blasting isir fil-konfini tal-barriera. Dan l-ufficjal kien jirregola ruhu skont il-pjanta li bhala kienu nghataw l-ahwa Gatt.

"Meta l-Awtorita` intimata hasbet biex tirregola t-thaddim tal-barrieri f'Malta u Ghawdex, hija talbet lill-Pulizija tghaddilha l-files relattivi, peress li, sa dak iz-zmien, kienet il-Pulizija li kienet tohrog il-licenzji ghall-uzu tal-barrieri. Meta l-Awtorita` ezaminat il-file ta' dan il-kaz, sabet li l-licenzja ghal tqattigh ta' blat kienet tkopri estensjoni anqas

minn dik murija fuq il-pjanta moghtija lill-ahwa Gatt. L-Awtorita`, ghalhekk, harget enforcement notices fuq is-socjeta’ rikorrenti biex izzommha milli tkompli tahdem fiz-zoni mhux koperti bil-licenzja tal-Pulizija , licenzja li ghaliha, is-socjeta’ rikorrenti baqghet thallas kull sena sa ma l-materja ittiehdet taht il-kompetenza tal-Awtorita` intimata.

“Is-socjeta’ rikorrenti, rinfaccjata b’dawn l-enforcement notices, ressqet appell kontrihom quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar. Hija ukoll ressqet applikazzjoni sabiex tissanzjona l-izvilupp li kienet qed taghmel fiz-zoni barra mill-permess tal-Pulizija. In vista ta’ dawn iz-zewg proceduri, il-Bord tal-Appell tal-Ippjanar, b’decizjoni tad-9 ta’ Dicembru 2002, applika l-artikolu 52(11) tal-Att dwar l-Ippjanar u l-Izvilupp (Kap. 356 tal-Ligijiet ta’ Malta) u <u>cahad</u> l-appelli peress li kienet saret ukoll applikazzjoni ghall-issanzjonar. Appell minn din id-decizjoni ghall-quddiem il-Qorti tal-Appell jinsab sospiz pendenti dawn il-proceduri. Is-socjeta’ rikorrenti ssostni li hi kienet ressqet iz-zewg applikazzjonijiet (appelli u applikazzjonijiet “to sanction”) peress li giet assigurata minn xi ufficjal tal-Awtorita` intimata, li da parti taghha ma kinitx se toggezzjona li jsir dan, u anke ghaliex, skont hi, li kieku appellat mill-enforcement notices u fl-istess hin ma tressaqx applikazzjoni sanatorja, kien ikollha tieqaf mill-operazzjonijiet taghha.

“Is-socjeta’ rikorrenti qed tallega li minhabba dak li sehh (meta l-appelli taghha gew michuda minhabba l-applikazzjoni sanatorja li ressqet), gew miksura d-drittijiet fundamentali taghha, peress li giet imcahhda milli jkollha l-ilment taghha mismugh minn tribunal indipendenti u imparzjali.

“Ghall-komplitezza tal-istorja, jinghad li l-applikazzjoni tas-socjeta’ rikorrenti giet milqugha fi Frar 2005 (numru PA 4727/99), izda ghal zona li kienet <u>akbar</u> minn dik indikata fuq il-pjanta annessa mal-licenzja tal-Pulizija izda <u>anqas</u> minn dik murija fuq il-pjanta li nghatat fil-bidu meta nbidel l-operatur tal-barriera. Is-socjeta’ rikorrenti accettat dan il-permess ghax altrimenti ma kinitx tkun tista’ tkompli

tahdem. Dan il-permess kien validu ghal certu zmien, u applikazzjoni ghal tigdid tieghu kienet giet rifjutata fid-dawl tad-diversi infrazzjonijiet li wettqet is-socjeta' attrici fit-thaddim tal-barriera, anke wara l-hrug ta' dan il-permess.

"L-iskop ta' din il-kawza, kif inghad, hu marbut mad-decizjoni tal-Bord tal-Appelli tal-Ippjanar li jichad l-appelli li ressqet is-socjeta' rikorrenti wara d-diversi enforcement notices li nhargu kontra taghha minhabba l-applikazzjoni sanatorja li ressqet. Fil-fatt, fl-affidavit li ressaq Mario Gatt, dirigent tas-socjeta' rikorrenti, hu spicca biex ilmenta "illi jiena la inghatajt id-dritt li l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar jisma' l-mertu tal-appell tieghi (fil-fatt ma sema' xejn) u wara, quddiem il-Qorti tal-Appell, il-MEPA regghet invokat artikolu partikolari tal-ligi dwar l-Ippjanar li biha qieghed effettivament icahhad lili (meta dawn kienu jafu minn qabel permezz ta' ittra illi l-applikazzjoni kienet qeghda tigi sottomessa minghajr pregudizzju ghall-appelli) milli jkolli smiegh xieraq minn qorti jew tribunal imparzjali u indipendenti".

"Trattat l-ilment tas-socjeta' rikorrenti, jigi rilevat li s-socjeta' rikorrenti mhux qed tattakka *ut sic* l-artikolu 52(11) tal-imsemmi Kap. 356 u li wassal ghac-cahda tal-appelli taghha. Dan l-artikolu jipprovdi illi:

"*(11) Jekk qabel ma jsir l-appell matul il-mori ta' appell, l-appellant jissottometti lill-Awtorita` applikazzjoni ghall-permess ghall-izvilupp, il-Bord ghandu jichad l-appell jekk ikun sodisfatt illi l-imsemmija applikazzjoni hija intiza sabiex tissana l-izvilupp imsemmi fl-avviz ta' twettiq.*"

"Dan is-subartikolu jipprovdi li f'kaz li jigu utilizzati z-zewg proceduri (ta' appell kontra l-avviz ta' twettiq u ta' applikazzjoni sanatorja), il-Bord tal-Appell "ghandu" jichad l-appell. Ma thalli ebda diskrezzjoni lill-Bord, izda b'mod tassattiv tinsisti fuq ic-cahda tal-appell.

"Dan, fil-fehma tal-Qorti, hu logiku u ma jistax iwassal ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuna milquta. Meta dak li jkun iressaq appell kontra l-hrug ta' avviz ta' twettiq, ikun qed jinsisti fuq il-pozizzjoni li dak li kien qed

jaghmel kien legali; l-Awtorita` qaltlu biex jieqaf, pero`, hu jsostni li ma kien qed jaghmel xejn hazin, u ghalhekk, appella. Min-naha l-ohra, meta dak li jkun iressaq applikazzjoni sanatorja, ikun qed jirrikonoxxi li jkun qed jagixxi hazin u mhux skont il-ligi, u ghalhekk, jitlob li dak li jkun qed jaghmel jigi sanat. Hu car li z-zewg pozizzjonijiet huma kontradittorji, u dak li jkun ma jistax, f'nifs wiehed, jaddotta z-zewg pozizzjonijiet.

"Applikazzjoni ta' din ir-regola ma tistax ghalhekk, titqies li waslet ghac-cahda tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq. Min kien milqut b'avviz ghat-twettiq ghandu rimedju quddiem tribunal imparzjali u indipendenti, imma jrid jaghzel il-pozizzjoni li jrid jiehu : jew dak li kien qed jaghmel kien legali, u kwindi jappella mill-ordni tat-twaqqif, jew li dak li kien qed jaghmel kien illegali, u kwindi jitlob li jigi sanat. Jekk dak li jkun jitlef rimedju minhabba l-agir kontradittorju tieghu, *imputat sibi*.

"Is-socjeta' rikorrenti ssottomettiet li hi hekk kellha tagixxi ghax altrimenti kien ikollha tieqaf mill-operazzjonijiet taghha. Dan, pero`, ma kienx minnu ghax l-applikazzjoni sanatorja tissospendi l-enforcement, pero`, mhux l-effett tal-ordni tat-twaqqif – artikolu 52(6)(a) u (7) tal-imsemmi Kap. 356. Kwindi, il-prezentata tal-applikazzjoni sanatorja ma taghti ebda vantagg lill-operatur milqut b'avviz tat-twettiq ghax xorta wahda jkollu "jieqaf" mill-operazzjonijiet milquta b'dak l-avviz.

"Is-socjeta' rikorrenti kellha rimedju validu u effikaci biex tressaq il-pretensjoni taghha dwar il-"pjanta" li kellha f'idejha, rimedju li tilfet bl-agir taghha stess meta ressqet applikazzjoni sanatorja.

"Is-socjeta' rikorrenti tallega li ressqet iz-zewg proceduri ghax kellha assikurazzjoni minn ufficjal tal-MEPA li ma kinux se joggezzjonaw ghall-agir simili. Apparti l-fatt li, jekk inghatat tali garanzija minn ufficjali tal-awtorita` intimata, din ma setghetx torbot lill-Bord tal-Appell, li hu bord awtonomu mill-MEPA, u marbut bil-ligi, li hi ta' ordni pubbliku, u mhux b'xi koncessjoni li seta' ta xi ufficjal tal-awtorita`, min-naha l-ohra, ma jirrizultax lanqas li, fil-fatt,

inghatat garanzija simili. Mill-provi jirrizulta biss li, wara diversi diskussjonijiet, sar qbil li s-socjeta' rikorrenti setghet tressaq applikazzjoni gdida b'konfini maqbula u b'dan li tigi pprocessata "fast track". Ma nghatat ebda garanzija li, nonostante din l-applikazzjoni, din is-socjeta' setghet tkompli miexja bl-appelli kontra l-avvizi ta' twettiq. Li gara kien li, wara l-prezentati tal-appell, saru diversi diskussjonijiet bi hsieb li s-sitwazzjoni tigi rrangata bi ftehim. Fl-ahhar, kif xehed Adrian Mallia, li kien manager fl-Environment Management Unit tal-MEPA, u li ppartecipa fid-diversi laqghat, "*konna qisna wasalna fi ftehim li ssir applikazzjoni da parti tas-socjeta' rikorrenti biex ikun hemm sanctioning tax-xoghol li kien qed isir barra l-konfini mill-permess tal-Pulizija*"; pero`, qatt ma inghata undertaking li s-socjeta' rikorrenti setghet tkompli bl-appelli li kienet introduciet kontra l-avvizi ta' twettiq. Veru li l-perit tas-socjeta' rikorrenti li ressaq l-applikazzjoni jghid li kien sar ftehim li din l-applikazzjoni issir minghajr pregudizzju ghall-appelli li kienu saru fuq l-enforcement notices, pero`, din il-Qorti m'hijiex konvinta li, fil-fatt, sar ftehim fuq hekk.

"Min ippartecipa fil-laqghat li waslu ghal dan is-suppost ftehim, jichdu li sar ftehim f'dan is-sens, u l-preponderanza tal-provi, fic-cirkostanza tal-kaz, ma jaghtux affidament li sar dan il-ftehim. Il-perit tas-socjeta' rikorrenti, wara li naqqas l-estensjoni tal-konfini tal-barriera, biex ikun jista' johrog permess, irrizerva li jressaq applikazzjoni ohra biex jitlob estensjoni tal-konfini, pero`, da parti ta' ufficjali tal-awtorita`, dawn intrabtu biss li jipprocessaw l-applikazzjoni bil-procedura "fast track", u li ma jitolbux Environmental Impact Assessment, kif, f'kaz normali, kien jigi mitlub. Ma jirrizultax li ufficjali tal-Awtorita` ingannaw lis-socjeta' rikorrenti billi taw garanzija fuq haga li ma kellhomx poter iwettqu (ghax il-Bord tal-Appell kien marbut bil-ligi li jimxi kif mexa), u kwindi l-Awtorita` mhux responsabbli ghal dak li gara.

"Mix-xhieda tal-avukat tas-socjeta' rikorrenti jidher biss li huma kienu qed jiehdu pozizzjoni li dak li kien qed isir fil-barriera kien legali, izda eventwalment sar qbil li tigi mressqa applikazzjoni sanatorja biex l-affarijiet jigu

settiljati. Din l-applikazzjoni, skont huma, ma kellhiex idghajjef il-pozizzjoni taghhom izda fuq dan, ukoll skont huma, l-ufficjali tal-MEPA, “*qatt ma qalulna le*” – u lanqas ma rrizulta li qalulna iva! Il-ligi hu prezunt li jafha kulhadd, u l-avukat tas-socjeta’ rikorrenti kien zgur konxju tal-provvediment tal-Kap. 356 imsemmi. Kien, ghalhekk, li l-ufficjali tal-MEPA ma kkommettewx ruhhom. Peress li kien inholoq impasse, u l-ufficjali tal-MEPA kienu konxji li, forsi, is-socjeta’ rikorrenti giet zgwidata bil-pjanta moghtija lilha, l-Awtorita` kienet lesta testendi l-konfini tal-barriera aktar milli kien indikat fuq il-licenzja tal-Pulizija, pero`, ma jirrizultax li kienet lesta taghmel dan u tippermetti l-process tal-appelli jibqa’ ghaddej; fil-fehma tal-Qorti, din ix-xorta ta’ garanzija ma tirrizultax ipprovata. Jista’ jkun li d-<u>diskussjonijiet</u> kienu qed isiru b’mod distint u bla pregudizzju ghall-appelli pendenti, pero`, ma rrizultax li kien sar <u>qbil</u> li l-applikazzjoni tigi pprezentata u l-appelli jibqghu validi.

“F’okkazjoni minnhom, il-perit tas-socjeta’ rikorrenti anke xehed illi kieku kien jaf li l-applikazzjoni sanatorja kienet se ddum snin biex tigi processata, “*il-probabilita` konna niddeciedu li ma naghmlux dik l-applikazzjoni u <u>nkomplu bil-procedura tal-appell</u>*”.

“Dan jikkonferma li, filwaqt li, hu veru, id-diskussjonijiet saru bla pregudizzju, darba sar qbil fuq pjanta gdida li fuqha permess seta’ jinhareg, ittiehdet decizjoni li tigi sottomessa applikazzjoni, b’rizerva li ‘l quddiem tigi pprezentata applikazzjoni ohra ghall-estensjoni tal-konfini. Drittijiet ohra tas-socjeta’ rikorrenti baqghu impreggudikati, fejn u sa fejn kienu jezistu! Jekk is-socjeta’ rikorrenti illimitat l-options taghha bl-agir taghha stess, ma tistax tilmenta li xi “legitimate expectation” taghha gie sfrustrat intortament.

“F’kull kaz, u ghal kull buon fini, din il-Qorti m’hijiex konvinta li, kif graw l-affarijiet, is-socjeta’ rikorrenti akkwistat xi dritt li topera l-barriera skont il-konfini indikati fuq mappa li hi tghid li akkwistat minghand l-Awtorita` intimata. Hu veru li, ghal xi zmien, l-Awtorita` kienet tissorvelja l-blasting li kien isir a bazi ta’ din il-mappa,

pero`, il-koncessjoni tas-socjeta’ attrici ma kinitx fit-termini ta’ dik il-mappa, izda, skont il-pjanta annessa mal-licenzja tal-Pulizija, u ghal dawk il-konfini biss li s-socjeta’ rikorrenti tista’ tivvanta pretensjoni. Id-dirigent tas-socjeta’ rikorrenti, Mario Gatt, induca lill-Awtorita` fi zball meta kellu f’idejh il-pjanta tal-Pulizija, izda ddecieda li ma jghidx lill-Awtorita` sa fejn dina kienet twassal, u minflok segwa l-pjanta tal-MEPA. Qabel ma xtara l-ishma tal-kumpanija rikorrenti (li kienet topera biss il-barriera in kwistjoni) ma vverifikax l-estensjoni tal-pjanta tal-licenzja mal-art, u lanqas ma vverifika mal-Kurja Veskovili ta’ Ghawdex (sid il-kera tal-art) sa fejn kienet tasal il-koncessjoni. Hu ra li l-pjanta li tawh l-ufficjali tal-Awtorita` intimata kienet “taqbillu”, ra li dik il-pjanta kienet tintuza fil-passat, u minghajr ma qaghad jivverifika ezatt sa fejn kienu jistendu d-drittijiet tieghu, beda jopera skont dik il-pjanta. Id-drittijiet tieghu, pero`, kienu jaslu sa fejn kien determinat mil-licenzja tal-Pulizija, u ma jistax jippretendi oltre minn hekk. Inoltre, meta xtara l-ishma tal-kumpanija li kienet topera l-barriera, saret referenza, espressa ghall-pjanta li kienet annessa mal-kirja li ha l-awtur tar-rikorrenti, u din il-pjanta taqbel mal-pjanta tal-Pulizija. Kwindi, is-socjeta’ rikorrenti lanqas ghandha titolu biex topera barra dawk il-konfini. Il-fatt li gieli thalla jopera barra dawk il-konfini, ma jfissirx li akkwista dritt biex jithalla hekk jopera. **Dritt ma jistax jirrizulta minn kondotta zbaljata ta’ Awtorita`, meta l-parti l-ohra kienet taf jew setghet tkun taf b’dak l-izball**.

“It-tifsira ta’ possediment ma tistax tiggebbed biex tkopri pretension (“claim”) li m’hijiex gustifikabbli – “*where the proprietary interest is in the nature of a claim it may be regarded as an ‘asset’ only where it has a sufficient basis in national law, for example where there is settled case-law of the domestic courts confirming it*” – Kopecky v. Slovakia, deciza mill-Qorti Ewropea ta’ Gustizzja fl-2005. F’dan il-kaz, il-possibli gustifikazzjoni tal-pretensjoni tas-socjeta’ rikorrenti intilef tort ta’ agir tal-istess socjeta’, u ma hemmx lanqas bazi gurisprudenzjali li tista’ tiggustifika dik il-pretensjoni. Din il-Qorti tirrileva ukoll li lanqas mill-gurisprudenza tal-Qorti tal-Ewropa tad-Drittijiet tal-Bniedem ma wiehed jista’ jikseb gustifikazzjoni a bazi ta’

uzu ta' proprjeta` "bi zball". Fil-kaz S v. United Kingdom, il-Kummissjoni tal-Qorti Ewropea kienet qalet fl-1986 li "*the occupation of property without a legal right was not protected under article 1 of the Protokol*", u fil-kaz Durini, deciz ukoll mill-Kummissjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-1994, intqal li "*the right to live in a home which one does not own is not a 'possession' within the meaning of Article 1*".

"F'dan il-kaz, is-socjeta' attrici lanqas setghet turi li l-art fejn trid taghmel il-blasting hi parti mill-koncessjoni li tgawdi minghand il-Kurja Veskovili ta' Ghawdex, zgur m'hijiex koperta mil-licenzja tal-Pulizija, u s-socjeta' attrici ma indikatx bazi legali ghall-uzu u l-okkupazzjoni taghha tal-partijiet kontestati."

Rat ir-risposta tal-Awtorita` intimata li biha ghamlet referenza ghan-nota tal-osservazzjonijiet prezentata minnha fis-26 ta' Jannar 2012;

Rat l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti ezebiti;

Ikkunsidrat

**Il-Fatti**

Illi fis-sena 1995 il-kumpanija Gatt Development & Sons Limited, li taghha Mario Gatt huwa wiehed mid-diretturi, xtara l-ishma tas-socjeta` rikorrenti li dak iz-zmien kienet tappartjeni lid-ditta Attard Brothers immexxjia minn Michael Attard. Din is-socjeta` topera l-barriera nru.10 Ghar id-Dud, il-Qala Ghawdex, u skont l-istess Michael Attard kienet ilha topera mis-sena 1972. Fuq din il-barriera tithallas kera annwali lill-kurja veskovili; isir ukoll l-hlas annwali tal-licenzja tal-pulizija sabiex topera l-barriera bil-qtugh tal-blat bl-uzu tal-esplossivi.

Illi fis-sena 1995, qabel ma' Mario Gatt ghan-nom tal-imsemmija socjeta`, xtara l-ishma tas-socjeta` rikorrenti huwa, flimkien mal-Avukat tieghu, kienu marru l-ufficcju tal-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex jivverifika l-konfini tal-barriera fejn seta' jsir il-*blasting* bl-esplossivi. Minnhekk

huwa nghata pjanta esebita Dok.MG4[1], u wara li vverifika li l-konfini li kien urih b'idejh fuq il-post Michael Attard, kienu l-istess bhal dik li jidhru fuq l-imsemmija pjanta, sar it-trasferiment tal-ishma.

Illi s-socjeta` rikorrenti bdiet topera l-barriera; u meta kien isir qtugh tal-blat bil-*blasting* kienu jkunu prezenti membri tal-korp tal-pulizija, tal-Forzi Armati u ufficjal tal-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex jigi verifikat li l-*blasting* ippjanat kien ser isir fil-konfini tal-pjanta li kellha l-Awtorita` dak iz-zmien, ezebita bhala Dok. MG7 u li hija identika ghall-pjanta MG4 li kellha f'idejha s-socjeta` rikorrenti.

Illi f'dak iz-zmien kien beda jsir ezercizzju mill-Awtorita` intimata sabiex tigi regolata l-pozizzjoni tal-barriera f'dawn il-Gzejjer, bir-rizultat li fuq il-barriera de quo rrizulta li l-pjanta annessa mal-permess tal-pulizija, esebita bhala Dok. MG3[2] kienet turi konfini izghar minn dawk li jidhru fuq il-pjanta MG4 li Mario Gatt kien ottjena minnghand l-Awtorita` qabel it-transfer, u allura wkoll izghar minn dawk li jidhru fuq il-pjanta MG7 li fuqha kienu jimxu l-ufficjali tal-Awtorita` meta kien ikun ser isir *blasting*.

Illi minn verifiki ulterjuri rrizulta li l-pjanta MG4 u MG7 kienu jinstabu fl-ufficcju tal-Awtorita` peress li f'xi zmien, fl-ezercizzju tal-progett fuq imsemmi dwar il-barrieri f'dawn il-Gzejjer, kienu ttiehdu ritratti mill-ajru dwar il-konfini tal-barrieri ezistenti; u l-imsemmija dokumenti ma kienu xejn aktar hlief pjanti tal-art murija fir-ritratti li kienu ttiehdu mill-ajru rizultat ta' ezercizzju sabiex jistabbilixxu fejn kienu qed joperaw il-barrieri. Eventwalment, meta issokta l-progett, irrizulta li l-konfini li fihom kienet qed topera l-barriera de quo, u li kienu jidhru fuq l-imsemmija pjanti, kienu akbar minn dawk li fil-fatt kien inhareg il-permess fuqhom mill-Pulizija.

Illi hafna zmien qabel, meta l-barriera kienet bdiet topera permezz tal-licenzja tal-pulizija, il-permess ghall-qtugh tal-blat kien isir billi l-pulizija, wara konsultazzjoni mal-

[1] Fol.30
[2] Fol.29

*Minerals Board*, kienet tohrog licenzja li maghha kien ikun hemm mappa li turi safejn kellha tigi operata l-barriera. Ghalhekk il-permess u l-konfini tal-operat tal-barriera kien jinhareg mill-Pulizija, u, fil-kaz odjern, kien limitat ghall-pjanta annessa mal-istess permess; f'dan il-kaz il-pjanta Dok. MG3.

Fir-rigward, ix-xhud Dottor Dimitreo Duca jispjega li: "..qabel in-1992 il-barriera tkun regolata mil-licenzja tal-pulizija ghax dak iz-zmien il-barrieri kienu taht il-kompetenza tal-pulizija. Il-licenzja kienet tithallas lill-pulizija u biex persuna ticcekja jekk hemmx licenzja tal-pulizija u xi tkopri l-licenzja jmur ovvjament ghand il-Pulizija… … … Meta l-MEPA bdiet imbaghad torganizza l-kwistjoni tal-barrier[i] u hadet dawn il-files, meta l-MEPA bdiet tara li l-licenzja tal-pulizija kienet in vigore, jigifieri kienet baqghet tithallas, il-MEPA irrikonoxxiethom.." ghalkemm il-licenzja baqghet titlhallas lill-pulizija.

Illi meta l-Awtorita` intimata ndunat li l-pjanta MG7, li fuqha hija kienet timxi sabiex tawtorizza l-*blasting* tal-blat bil-barriera de quo, kienet differenti mill-pjanta MG3 annessa mal-licenzja tal-Pulizija, u li turi konfini ristretti; u meta f'okkazzjoni minnhom sussegwenti kienet giet mitluba mis-socjeta` rikorrenti sabiex tawtorizza l-*blasting* f'area partikolari tal-barriera, irrizulta li dan il-blasting kien ser isir barra mill-konfini kif muri fil-pjanta MG3, u ghalhekk fil-21 ta' April 1998 harget Avviz tat-Twaqqif u tat-Twettiq, bir-rizultat li s-socjeta` rikorrenti kienet twaqqfet milli taghmel *blasting* tal-blat barra mill-konfini kif jidhru fuq il-pjanta annessa mal-licenzja tal-pulizija.

Illi wara li sar appell minn din l-ordni, l-imsemmi Mario Gatt dahal f'diskussjonijiet mal-Awtorita` intimata sabiex tinstab soluzzjoni, bil-ghan li hu jkun jista' jkompli jaqta' l-blat bil-*blasting* fl-*area* kontestata, u dan peress li kien jirrizulta li kien sar zball mill-Awtorita` intimata li kienet qed timxi fuq il-pjanta MG7 li ma kienet xejn aktar minn pjanta maghmula fuq kif kienu jidhru fizikament il-konfini dak in-nhar li ttiehdu r-ritratti, mentri minflok hi kellha timxi fuq il-pjanta MG3 annessa mal-licenzja tal-pulizija.

Illi rizultat ta' dawn id-diskussjonijiet gie deciz li ssir applikazzjoni da parti tas-socjeta` intimata ghas-sanzjonar tal-estensjoni tal-konfini li fihom kienet qeghda topera l-barriera bil-*blasting*, filwaqt li, min-naha tal-Awtorita` din ma kienitx ser tinsisti li jsir *Environmental Impact Assessment*, u li din l-applikazzjoni kienet ser tinghata prijorita`, kif ukoll ma kienitx ser timponi penali – u dan minhabba li s-socjeta` rikorrenti kienet giet zgwidata mill-pjanta MG4 moghtija lilha mill-Awtorita`.

Illi fix-xhieda tieghu, il-perit tas-socjeta` rikorrenti, l-AIC Edward Xerri spjega li, rizultat tal-imsemmija ordni, is-socjeta` rikorrenti ma setghetx tkompli tizviluppa, peress li l-area skont il-konfini tal-pulizija kienet diga` giet ezawrita, u ghalhekk is-socjeta` rikorrenti ma setghetx ma tkomplix tahdem fil-konfini kontestati mill-Awtorita`. Ghalhekk huma dahlu f'diskussjonijiet mal-Awtorita` sabiex is-socjeta` rikorrenti tkun tista' tkompli topera f'dawn il-konfini. Huwa jghid li ma kellhomx triq ohra.

In propozitu jghid: "… … … l-Awtorita` qaltilna li jkun ahjar jekk naghmlu *application* biex nissanzjonaw fejn ghamilna l-qtugh tal-blat f'areas li ma kienux koperti *within the confines* tal-pjanta l-gdida [MG3] li tawna b'ittra ta' April 1998."[3] Huwa jenfazizza li Mario Gatt kien accetta li jaghmel applikazzjoni ghall-is-sanzjonar, minghajr pregudizju ghall-appell li kien hemm pendenti quddiem il-Board, u kien sar ftehim verbali mal-Awtorita` f'dan is-sens. Fi kliemu: "…konna qeghdin naghmluha cara li konna qeghdin inqisu d-diskussjonijiet fuq l-applikazzjoni u l-appell kontra l-enforcement notice bhala distinti, u meta ahna konna naghmluha cara hekk, min-naha tal-ufficjali tal-MEPA qatt ma kien ikun hemm oppozizzjoni."[4]

L-istess perit jispjega li f'dan il-kuntest kienet saret l-applikazzjoni li ggib in-nru. PA2727/99. Wara l-applikazzjoni kienu baqghu jsiru d-diskussjonijiet peress li l-Awtorita` f'izjed minn okkazzjoni wahda kienu talbuhom sabiex jrriducu l-konfini kif deheru fl-applikazzjoni. Jghid: "

[3] Fol. 113
[4] Fol.120

Dawn ir-riduzzjonijiet ahna ghamilnihom dejjem minghajr pregudizzju u dan konna nghiduhomlhom lill-ufficjali tal-Awtorita` li 'l quddiem naghmlu applikazzjonijiet ulterjuri biex nitolbu *extension* tal-barriera ulterjuri."[5]

Inhareg permess f'April 2003 jew 2004, intalbet *reconsideration* fuq l-istess, u l-permess finali hareg fi Frar 2005 ghall-perjodu ta' sena biss, tenut kont li ma kienux ghadhom saru *restoration plans*. Ma sar ebda appell kontra dan il-permess[6]. Is-socjeta` rikorrenti kienet thalliet tahdem skont dan il-permess li hareg fi Frar 2005.

Fir-rigward, Mark Cini, ufficjal mal-Awtorita`, jispjega li: "l-approvazzjoni kienet tkopri li dak li kien miftuh jitkompla, u dan gie regolarizzat.[7]… ... … bazikament ahna fejn approvajna kien fejn kien diga` sar qtugh ta' blat."[8]

Sussegwentement ir-rkorrenti kienet regghet twaqqfet milli tkompli topera peress li ma kienux qed jigu osservati l-kundizzjonijiet annessi mal-istess permess, liema kundizzjonijiet kienu standard li soliti johorgu mal-permessi. Saru *enforcement notices* ohra li minnhom sar appell.

Illi eventwalment meta gie biex jinstema' l-appell quddiem il-Bord tal-Appelli, dan laqa' l-eccezzjoni procedura li sollevata mill-Awtorita`, u cahad it-talba tar-rikorrenti fit-termini tal-Artikolu 52[11] tal-Att Dwar l-Ippjanar u l-Izvilupp [Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta] li fiz-zmien rilevanti kien jaqra hekk:
*"[11] Jekk qabel ma jsir l-appell jew matul il-mori ta' appell, l-appellant jissottometti lill-Awtorita` applikazzjoni ghall-Permess ghall-izvilupp, il-Bord ghandu jichad l-appell jekk ikun sodisfatt illi l-imsemmija applikazzjoni hija ntiza sabiex tissana l-izvilupp imsemmi fl-avviz ta' twettiq."*

Illi dwar il-verifiki li ghamel Mario Gatt qabel ma xtara l-ishma tas-socjeta` rikorrenti, dan jghid: "Meta gejna biex

[5] Fol.114
[6] Fol.125
[7] Fol.55
[8] Fol.80

nixtru din il-barriera … ... … morna fuq il-post u uriena fizikament bejn wiehed u iehor il-konfini ta' din il-barriera. Pjanti lilna qatt ma wriena, u jiena meta xtrajtha qatt ma kont rajt pjanta… … ... fil-konfront tal-venditur ahna nnegozzjajna l-prezz u xtrajna l-proprjeta` minghajr ma uriena pjanta … … … il-venditur lili ma tanix indikazzjoni preciza tal-konfini; kull ma qalli kif ghidt, mort mieghu fuq il-post u wrieni b'idejh bejn wiehed u iehor fejn kienu l-konfini… … … Fuq il-post ma kienx hemm posti ta' zebgha li jindikaw il-konfini tal-barriera… … … urieni b'mod generali b'idejh."[9]

Izda f'depozizzjoni ulterjuri jghid hekk: "Il-pjanta tal-pulizija giet f'idejja, mhux jien mort ghaliha, imma kienet fost il-karti li tani Michael Attard. Il-pjanta tal-pulizija kien tahieli Michael Attard, ovvjament qabel ma xtrajt is-*shares* minghandu… … … Meta mort il-MEPA il-pjanta tal-pulizija ma kontx urejtielhom, u lanqas naf jekk kienitx f'idejja dak il-mument jew le."[10]

**Aggravji**

L-ewwel aggravju mressaq mis-socjeta` appellanti hu fis-sens li "ir-rikorrenti gie sfurzat jabbanduna l-appell minnu interpost mill-ordni ta' twettieq meta ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jaghmel dan. Li din ma kienitx l-intenzjoni tieghu tidher car anke mill-ittri u protesti li kiteb meta gie mgieghel japplika mill-gdid ghall-permess. L'hekk msejjha inkompatibbilita` bejn l-applikazzjoni biex tissanzjona, u l-appell mill-ordni tat-twettieq mhijiex reali u l-fatt li tinsab legislattivament preskritta hija vjolazjoni tad-dritt tal-persuna ghal smigh xieraq billi tirrinfaccja lill-persuna b'konsegwenzi horox u li jwasslu ghall-falliment totali jekk huwa ma jsegwix it-triq f'liema jigi kkanalat mill-awtorita` b'dan il-mod l-esponent gie negat determinazzjoni tad-dritt tieghu minn tribunal indipendenti u mparzjali, haga li ma kienitx lecita."

It-tieni aggravju huwa fis-sens li: "L-ezistenza ta' permess ta' zvilupp huwa proprjeta` fit-termini tal-ligi dwar id-

[9] Fol.158
[10] Fol.162 – sottolinear tal-Qorti

drittijiet fundamentali u t-tehid jew tnehhija ta' dak il-permess u minghajr kumpens jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt ta' proprjeta`. In realta` l-ezistenza tal-licenzja biex tigi operata barriera kienet pacifika, u l-uniku kwistjoni li kien hemm kienet tirrigwarda l-estensjoni ta' dik il-licenzja. Kienet l-awtorita` stess bl-agir taghha li holqot volutament konfuzjoni dwar l-estensjoni ta' dawk il-konfini, u d-dokumenti governattivi applikabbli ma kienux ritraccjabbli."

It-tielet aggravju jirrigwarda c-cahda tal-ewwel Qorti moghtija fid-digriet tat-18 ta' Jannar 2008 ghall-kjamata fil-kawza tal-Avukat Generali; u hu fis-sens li "fid-dawl ta' kif zviluppaw il-provi quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti kien evidenti li l-kwistjoni tal-konformita` tal-ligi applikabbli mad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kienet qeghda tigi diskussa u ghalhekk il-prezenza tal-Avukat Generali kienet mehtiega."

*L-ewwel aggravju* – Dan l-aggravju huwa bazat fuq id-disposzzjoni tal-Artikolu 39 [2] tal-Kostituzzjoni u fuq l-Artikolu 6 [1] tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni li jaqra hekk: li "Fid-decizjonijiet tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragjonevoli minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqfa b'ligi..".

Fir-rigward ta' dan id-dritt l-awturi Harris, O' Boyle & Warbrick fil-ktieb "Law of the European Convention on Human Rights" jkkummentaw hekk:
"*In contrast with the other guarantees in Article 6[1], the right to a 'fair hearing' has an open-ended residual quality. It provides an opportunity by adding other particular rights not listed in Article 6 that are considered essential to a 'fair hearing'….*"[11]

Illi fil-kaz in dizamina l-appellant qed jilmenta mill-fatt li, stante li hu hassu kostrett li jipprezenta applikazzjoni ghas-sansazzjonar tal-konfini mhux koperti bil-licenzja tal-pulizija u fejn kien qed jaghmel *blasting* tal-blat, l-appell

[11] 2nd Edition

tieghu quddiem il-Bord gie michud, in bazi tal-Artikolu 52[11], u ghalhekk il-Bord ma semax u ma ddecidiex il-meritu tal-kontestazzjoni tieghu. "Id-dritt tar-rikorrent protett mill-Kostituzzjoni u mill-artikoli tal-Konvenzjoni kien dritt ghal decizjoni fuq il-meritu oggettiv tad-dritt tieghu u mhux dritt biss ghad-determinazzjoni ta' fatt procedurali li kien jipprekludi decizjoni fuq l-ezistenza o meno tad-dritt oggettiv tieghu". Huwa jghid ukoll li kien sar ftehim sabiex id-diskussjonijiet li kienu qed isiru, u l-eventwali applikazzjoni li saret minnu fil-mori tal-appell, kienu qed isiru minghajr pregudizzju ghas-smigh tal-appell fuq il-meritu. Jghid li ma hemm ebda kontradizzjoni bejn li wiehed iressaq appell quddiem il-Bord tal-Appelli u fl-istess hin jaghmel applikazzjoni sanatorja sabiex ikun jista' jibqa' jopera, taht certu kundizzjonijiet, ghax l-ghanijiet huma differenti, ghax filwaqt li l-Bord jiddetermina t-titolu, l-applikazzjoni ippermettiet lill-applikant li jkompli bin-negozju tieghu, u ghalhekk it-tnejn jistghu jikkoezistu.

In propozitu huma relevanti s-segwenti konsiderazzjonijiet fattwali u guridici:

[1] Illi, l-artikolu precitat jaghti dritt ta' appell lill-imsemmi Bord tal-Appelli lil kull min ikun ircieva *Stop Notice*, u ghalhekk l-appellant, kif fil-fatt ghamel, kellu r-rimedju sabiex iressaq l-ilment tieghu quddiem tribunal imparzjali u ndipendenti biex jiddetermina l-kaz tieghu.

[2] Illi l-fatt li l-appellant ried li jkompli jahdem fl-*area* in kwistjoni, kif kien qed jaghmel u jevita l-effetti tal-imsemmija ordni, kienet decizjoni li hu hass li kellu jiehu fic-cirkostanzi. Kienet ghazla tieghu li jaccetta li ssir l-applikazzjoni sanatorja, u tenut kont li kien assistit kemm minn Avukati kif ukoll minn Perit, zgur li kien konxju tal-effetti legali tad-decizjoni tieghu; u ghalhekk ma jistax jippretendi li gie lez id-dritt fundamentali tieghu ta' smigh xieraq meta l-Bord, in applikazzjoni tal-ligi, cahad l-appell tieghu in bazi ghall-applikazzjoni sanatorja

[3] Illi din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti, hija tal-fehma li l-pozizzjoni tal-appellant, jew ahjar it-tezi tieghu, hija

kontrastanti, ghax filwaqt li hu pprezenta appell quddiem il-Bord, huwa, wara diskussjonijiet mal-Awtorita`, ipprezenta applikazzjoni biex jissana dak li l-Awtorita` kienet qed tghid li kien illegali.  Dan necessarjament ifisser li huwa kien ghazel li jaccetta li, bl-attivita` tieghu barra mill-konfinii li jidhru fuq il-pjanta tal-pulizija, huwa kien qieghed in vjolazzjoni tal-ligi, u ghalhekk talab li l-pozizzjoni tieghu tigi sanata.

Inoltre, kif korrettament osservat l-ewwel Qorti: “Is-socjeta` rikorrenti ssottomettiet li hi hekk kellha tagixxi ghax altrimenti kien ikollha tieqaf mill-operazzjonijet taghha.  Dan, pero` mhux minnu, ghax l-applikazzjoni sanatorja tissospendi l-*enforcement*, pero` mhux l-effett tal-ordni tat-twaqqif skont l-Artikolu 52[6][a] u [7].  Kwindi l-prezentata tal-applikazzjoni sanatorja ma taghti ebda vantagg lill-operatur milqut b’avviz tat-twettiq ghax xorta wahda jkollu “jieqaf” mill-operazzjonijiet milquta b’dak l-avviz.”

[4]     Illi rigward l-allegat ftehim li l-appellant isostni li kien sar mal-Awtorita` fis-sens li l-applikazzjoni kienet qed issir minghajr pregudizzju ghad-dritt tieghu li jinstema’ l-appell, il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, hi tal-fehma li dan il-ftehim ma giex pruvat.  Il-Perit Edward Scerri jishaq fuq il-fatt li fid-diskussjonijiet mal-Awtorita` huwa dejjem sostna li dawn kienu distinti mill-appell li kien hemm quddiem il-Bord, izda dan ma giex konfermat mill-ufficjali involuti; inoltre, hadd ma seta’ jorbot lill-Bord tal-Appelli biex ma japplikax il-ligi!

[5]     Illi in fine jigi osservat li, ghalkemm l-appellant jilmenta mill-fatt li fil-permess li hareg fi Frar 2005 gew imposti fuqu diversi kundizzjonijiet godda, li in effetti huma kundizzjonijiet standard solitament imposti mill-Awtorita`, huwa ma ressaq ebda appell dwar dan il-permess[12].

Ghalhekk dan l-aggravju huwa nfondat u qed jigi michud.

[12] Fol.125

*It-tieni aggravju* – Hu fis-sens li "l-ezistenza ta' permess ta' zvilupp huwa proprjeta` fit-termini tal-ligi dwar id-drittijiet fundamentali, u t-tehid jew tnehhija ta' dak il-permess u minghajr ebda kumpens jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt ta' proprjeta`. Certament fil-kaz prezenti l-operat tal-awtorita` gab fix-xejn il-permess ta' zvilupp, jew ahjar il-licenzja li joperaw barriera li kienu jgawdu l-esponenti qabel. Kienet l-awtorita` stess bl-agir taghha li holqot volutament konfuzjoni dwar l-estenzjoni ta' dawk il-konfini u d-dokumenti governattivi applikabbli ma kienux rintraccjabbli". Ir-rikorrent ikompli jghid: "kieku dawk il-konfini kienu indikati hazin ghaliex l-awtoritajiet ma rrilevawx dan immedjatament lill-partijiet biex dawn ikun jistghu jirregolaw ruhhom."

Illi l-ligi relevanti in materja huwa l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni li jaqra testwalment hekk:
"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali. Izda d-dispozizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'edba mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skont l-interessi generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."

Dan l-artikolu tal-ligi huwa identiku bhal dak li jezisti fil-Konvenzjoni Ewropea, u li skont il-Qorti Ewropea fil-fatt jenuncja tlett principji: Id-dritt ta' kull persuna, naturali jew morali, ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha; id-dritt li hadd ma jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku, u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali; u d-dritt tal-Istat li b'ligijiet xierqa jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skont l-interess generali.

L-awturi Harris O'Boyle u Warbrick fil-ktieb taghhom **"Law of the European Convention on Human Rights"** jikkumentaw hekk:

"*It follows from the above passage that Article 1/1/16 is not only a statement of principle. It also provides a third, separate basis for regulating interferences with the 'peaceful enjoyment of possessions' that do not qualify as a deprivation of a person's possessions subject to Article 1/1/2 or a control of the use of property subject to Article 1/2…… When considering whether Article 1/1/1 has been complied with, the court applies a "fair balance test" …. 'The Court must determine whether a fair balance was struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the convention and is also reflected in the structure of Article*."

L-istat ghandu d-dritt li jaghmel ligijiet sabiex jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta`, liema dritt huwa soggett in sostanza ghall-interess generali. Dispozizzjoni din li hija skolpita f'termini wiesa u li taghti skop ampju u diskrezzjoni wiesa lill-istat f'dan ir-rigward, izda l-Qorti Ewropea llimitat din id-diskrezzjoni wiesa billi sostniet li anke din ir-regola ghandha tigi nterpretata fid-dawl tal-principju generali tal-*"fair balance"* li ghandu japplika ghat-tlett regoli kontenuti fl-Artikolu in disamina. Ghalkemm mid-dicitura tal-Artikolu jidher li l-interess generali huwa l-uniku ngredjent essenzjali ghall-fini tal-legalita` tal-interferenza ezekuttiva, il-Qorti Ewropea issoggettat din ir-regola ghall-principju generali tal-proporzjonalita`.[13]

"*The Court reiteraites that "Article 1 in substance guarantees the right of property. It comprises 'three distinct rules': the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognises that the Contracting States*

[13] ***PA[SK] [NC] Anna Fleri Soler et vs Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali*** – 26/11/2003; ***PA[SK][JRM] Spettur Norbert Ciappara et vs Anthony Seychell*** - 5 ta' Mejju 2005

*are entitled, amongst other things, to control the use of property by enforcing such laws as they deem necessary in the general interest. However, the three rules are not 'distinct' in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular instasnces of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule*." *[see inter alia, Tre Traktorer AB vs Sweden 7 July 1989 para.54, Series A no 159, and Fredin vs Sweden [no.1], 18 February 1991, para.51, Series A no.192]* [14]

Illi l-gurisprudenza ta' din il-Qorti tirrikonoxxi l-esproprju *de facto*[15] li huwa sostanzjalment ekwivalenti ghall-intereferenza fl-uzu tal-proprjeta` kif rikonoxxut fil-gurisprudenza konvenzjonali.

Fil-kaz **Nazzareno Galea v. Giuseppe Briffa** deciz fit-30 ta' Novembru 2001 din il-Qorti osservat li: "Il-gurisprudenza rriteniet illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhux biss hu applikabbli fil-kaz ovvju ta' esproprijazzjoni formali, imma wkoll fil-kaz ta' mizura ohra li jikkwalifikaw bhala esproprijazzjoni *de facto* li jiddiminwixxi l-attribwiti tal-proprjeta` tal-individwu. Mizuri li pero` jkunu ttiehdu jew li jkunu saru b'xi sahha ta' xi ligi."[16]

Fil-kaz **Skryzynski v. Poland** deciz fis-6 ta' Settembru 2007 il-Qorti ta' Strasbourg qalet hekk:
"*It was true that he [the applicant] had not been formally deprived of his possessions since he remained the lawful owner of the land throughout the period covered by the present case. However as a result of the planning measures taken in his case his proprerty rights had been stripped of any economic significance.*"[17]

---

[14] ECJ – Trimeg Limited vs Malta – 27/9/2011[par23]

[15] ***QK Gera de Petri Testaferrata Bonnici Ghaxaq v. Avukat Generali u Kummissarju tal-Artijiet*** – 8/1/2007

[16] QK – 30/11/2001. vide wkoll ***PA Onor.Perit Duminku Mintoff v. Onor.Prim Ministru*** – deciza finalment mill-Qorti tal-Appell – 30/4/1996 [Vol.LXXX.i.206] citata fl-istess sentenza.

[17] Application no.38672/02 – para. 66

Illi fil-kaz in dizamina jirrizulta li qabel ma Mario Gatt xtara l-ishma fis-socjeta` rikorrenti huwa kien mar ikellem lill-Awtorita` sabiex jikkonferma l-konfini, u dawn urewh pjanta [Dok.MG4] li skont huma kienet il-pjanta li kienet turi l-konfini precizi, izda ma wrihomx il-pjanta li kellu fil-pussess tieghu u li kienet kopja tal-pjanta annessa mal-licenzja tal-pulizija, u li kien tah Michael Attard qabel ma sar it-trasferiment. Ghalhekk din il-Qorti ghandha r-rizervi taghha kemm verament Mario Gatt ma kienx jaf bid-diskrepanza fil-konfini bejn il-pjanta li kien tah Michael Attard u li kienet mal-kuntratt tal-akkwist da parti ta' dan tal-ahhar, u bejn l-estensjoni attwali tal-barriera.

Min-naha l-ohra, pero` huwa minnu li l-Awtorita` meta kienet tirregola ruhha fuq il-pjanta MG7, li kienet identika ghall-pjanta MG4, kienet zbaljata, peress li l-pjanta MG3 li kienet annessa mal-licenzja tal-pulizija kienet turi konfini aktar ristretta. Kien f'dan l-istadju meta l-Awtorita` kienet qed taghmel l-ezercizzju sabiex tirregola l-barrieri f'Malta u Ghawdex li din skopriet l-izball li kienet fih, bir-rizutlat li harget ordni tat-twaqqif li mpediet lill-appellant milli jaqta' l-blat bil-*blasting* fil-parti li kienet barra mill-konfini li jidhru fuq il-pjanta MG3.

Ferm il-premess, il-Qorti tosserva li huwa minnu li bil-hrug tal-imsemmija ordni kien hemm interferenza fit-tgawdija pacifika tal-pussess li kellha s-socjeta` appellanti, stante li din kienet twaqqfet milli tkompli l-attivita` kummercjali taghha f'dik il-parti tal-barriera b'telf finanzjarju sostanzjali, izda mill-banda l-ohra, ma jistax jinghad li l-Awtorita` kienet qed tagixxi barra l-parametri legali, tenut kont li l-azzjoni taghha kienet fl-ambitu tal-Artikoli 52 u 53 tal-Att precitat; u lanqas ma jista validament jinghad li l-azzjoni tal-Awtorita` kienet wahda arbitrarja, stante li kienet ibbazata fuq il-fatt li l-permess li kellha s-socjeta` rikorrenti, u cioe` il-licenzja tal-pulizija, kien juri l-konfini ristretti, u l-azzjoni ttiehdet hekk kif l-Awtorita` skopriet dan il-fatt.

Illi lanqas ma huwa validu l-argument li l-mizura addottata kienet wahda sproporzjonata fic-cirkostanzi tenut kont tan-natura tal-attivita` kummercjali li tiggestixxi s-socjeta`

appellanti li tinvolvi qtugh tal-blat bl-uzu tal-espozivi, kif ukoll tenut kont tad-dmir tal-istat li jipprotegi l-ambjent lokali sabiex jigi salvagwardat ghall-generazzjoni prezenti u futura. Ghaldaqstant l-mizura li ttiehdet mill-Awtorita` meta harget l-Ordni tat-Twaqqif, ghalkemm tikkostitwixxi *interference* fl-uzu tal-proprjeta` fil-pussess tieghu, ma kienitx la llegali u lanqas sproporzjonata fic-cirkostanzi, stante li kien hemm '*fair balance*' bejn id-dritt tal-appellanti u l-interess generali li jigi kemm jista' jkun protett l-ambjent.

Ghaldaqstant anke dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tielet aggravju* – In propozitu jigi osservat li l-ilment tas-socjeta` rikorrenti kien dirett lejn l-operat tal-Awtorita` meta din harget l-ordni tat-twaqqif, li ssostni kien abbuziv fil-konfront taghha billi geghelitu jressaq applikazzjoni ghas-sanzjonar, bil-ghan li ma thallix li l-appell quddiem il-Bord jinstema' fuq il-meritu; u ghalhekk ma kienitx qed tigi attakkata d-dispozizzjoni *precitat ut sic*, izda l-agir tal-Awtorita` fil-konfront tar-rikorrenti. Ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jigi kjamat fil-kawza l-Avukat Generali. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell tas-socjeta` rikorrenti billi tichdu bl-ispejjez kontra l-istess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------